S&D

# Bring The Bills Down

## IL-PJAN TA' SOLIDARJETÀ GHAX-XIWA TAL-GRUPP S&D BIEX JORĦSU L-PREZZIJIET B'15-IL SOLUZZJONI GĦAN-NIES U N-NEGOZJI

WWW.SOCIALISTSANDDEMOCRATS.EU

L-S&D jipproponu Pakkett ta' Solidarjetà tax-Xitwa għan-nies u n-negozji biex jgħinuhom f'din il-kriżi soċjali u ekonomika li ġġib magħha l-gwerra ta' Putin kontra l-Ukrajna.

Dan il-pjan tassew progressiv u soċjalment ġust jipprevedi 15-il soluzzjoni biex jiġu żgurati s-solidarjetà u l-ġustizzja, miżuri ta' enerġija adegwati biex ibaxxu l-prezzijiet, u tarka soċjali b'saħħitha:

## SOLIDARJETÀ

1. Pakkett ta' Solidarjetà għax-Xitwa mill-UE biex jappoġġa lin-nies kif ukoll lin-negozji żgħar u medji li qed jitħabtu bi spejjeż tal-ħajja li qed jogħlew. Dan l-appoġġ għandu jinkludi:

   > €100 biljun ta' appoġġ immedjat għall-familji l-aktar milquta mill-faqar enerġetiku;
   >miżuri immedjati ta' appoġġ għad-dħul taħt il-Fond Soċjali għall-Klima;
   >kapaċità fiskali permanenti;
   >fond permanenti tal-UE għall-impjiegi (SURE*);
   > self għall-SMEs

2. Politika fiskali adegwata tal-UE, li tinkludi:

   > l-estensjoni tal-klawżola li tippermetti l-flessibbiltà massima tar-regoli fiskali sakemm ikun meħtieġ, u
   > l-eżenzjoni ta' miżuri mmirati relatati mal-kriżi tal-enerġija mill-kalkolu tad-deficit fi ħdan ir-regoli fiskali.

3. Estensjoni tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà, li issa hija meħtieġa biss mis-settur tal-enerġija, għas-setturi kollha li jibbenefikaw minn profitti mhux mistennija, u għall-inqas għas-setturi bankarji u farmaċewtiċi.

4. Tispiċċa ll-veto ta' Orbán fuq it-taxxa minima għall-kumpaniji multinazzjonali.

## INNIŻLU L-PREZZIJIET TAL-ENERĠIJA

5. Il-limitu tal-prezz fuq l-importazzjonijiet tal-gass biex jorħos il-kontijiet għall-konsumaturi. Il-limitu għandu japplika kemm għall-gass tal-pipeline kif ukoll għall-LNG u għandujiġu nnegozjati ma' pajjiżi terzi affidabbli.

6. Tkissir temporanju tar-rabta bejn il-prezzijiet tal-gass u l-elettriku biex immedjatament itaffu l-piż tal-kontijiet tad-dawl.

7. Projbizzjoni tal-ispekulazzjoni u l-manipulazzjoni fis-suq tal-gass.

8. Nixtru l-enerġija flimkien bħala UE, skont il-mudell użat biex jinxtraw il-vaċċini fil-pandemija tal-Covid-19, biex tiżdied is-setgħa ta' negozjar tal-UE u jiksbu prezzijiet negozjati aktar baxxi ma' pajjiżi terzi affidabbli.

9. Spinta lill-investiment fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-interkonnessjonijiet tal-gass u l-elettriku.

10. L-iżgurar tal-iffrankar tal-enerġija.

## IL-PROTEZZJONI TA' NIES VULNERABLI

11. Spinta s-salarji b'pagi minimi diċenti. L-Istati Membri għandhom jibdew jimplimentaw il-liġi Ewropea l-ġdida dwar il-pagi minimi immedjatament.

12. L-iżgurar ta' dħul minimu adegwat. Ir-rakkomandazzjonijiet Ewropej iridu jsiru liġi biex jiggarantixxu li kull persuna fl-Ewropa tkun koperta minn skema ta' dħul minimu u li l-pensjonijiet jiżguraw dħul ogħla mil-linja tal-faqar.

13. Tiżgura d-dritt għal dar sħuna. L-iskonnettjar ta' nies vulnerabbli mill-gass u l-elettriku għandu jkun ipprojbitgħax li jkollok sħana u elettriku affordabbli huwa dritt bażiku. Ħadd m'għandu jkollu bżonn jagħżel bejn l-ikel, it-tisħin u t-tkessiħ. Dan għandu jinkludi wkoll reviżjoni tal-leġiżlazzjoni biex jiġi żgurat l-aċċess għal servizzi essenzjali, bħall-enerġija, it-trasport, l-ilma u s-sanità.

14. Il-ħarsien tat-tfal mill-faqar permezz ta' skema msaħħa ta' Garanzija tat-Tfal Ewropej b'finanzjament iddedikat ta'mill-inqas €20 biljun.

15. Jorganizza Summit Soċjali ġdid biex ilaħħaq mas-sitwazzjoni soċjali u ekonomika straordinarja.

* SURE huwa l-istrument Ewropew għall-appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad f'emerġenza.